**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 968/97

Patrick Camilleri

vs

Kap Kmandant Forzi Armati

Illum 25 ta' Frar, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' l-1988, l-1989 u l-1992 huwa sofra ingustizzja f'li ma nghatax promozzjonijiet li kien jikkwalifika ghalihom.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Ir-rikorrent kien ilu jahdem ma' l-Armata mill-1985 bhala Gunner. Fl-1988, l-1989 u l-1992 hargu l-promozzjonijiet ghall-grad ta' Lance Bombardier u filwaqt illi huwa ma nghatax din il-promozzjoni, fiz-zewg

okkazjonijiet gie maqbuz minn kollegi li ma kellhomx il-kwalifiki, l-esperjenza, u s-seniority tar-rikorrent.

Ta min josserva li r-rikorrent kien ghamel zmien twil stazzjonat bhala Prison warder fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin u tul dan il-perjodu huwa qatt ma gie nfurmat b'courses illi kienu qeghdin isiru lill-kollegi tar-rikorrent. Kien biss meta r-rikorrent gie stazzjonat l-Ajruport illi huwa sar jaf b'dawn il-courses.

Minhabba din l-ingustizzja r-rikorrent sofra u ghadu jsofri danni finanzjarji minhabba l-fatt illi huwa gie mcahhad minn promozzjoni li kien intitolat ghaliha.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jinghata l-promozzjoni li haqqu b'effett minn meta kien intitolat li jiehu din il-promozzjoni u li jithallas l-arretrati tal-paga minn dik id-data jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' mhux aktar minn Lm5000 u dana taht kull provediment xieraq u opportun li joghgbu jaghti dan it-Tribunal.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta li eccepixxa:

Illi dwar il-fatti allegati fir-rikors huwa ghandu xi jghid is-segwenti:

Illi fir-rigward tal-promozzjonijiet li saru b'effett mill-11 ta' Mejju 1988 dawk kollha li kienu ***junior*** tar-rikorrent u li kienu gew promossi kienu kollha attendew b'success wiehed mill-***cadre courses*** li kienu saru ghal dawk il-Gunners li kienu jipprometttu ghall-Lance Bumbardiera. Ma jirrizultax li r-rikorrent kien wiehed fost dawk li kienu rrakkomandati biex jattendu wiehed minn dawn il-korsijiet.

Illi dak li r-rikorrent isemmi bhala osservazzjoni tieghu fir-rigward li hu ma kienx qed jigi nfurmat b'xi courses li setghu kienu qed isiru ta' min wiehed josserva wkoll li dawk li jkunu qed jahdmu bhal ma kien ir-rikorrent cioe` barra l-barracks jew kif insejhulhom fl-Armata bhala ***outposts*** huwa soltu li jmorru jzuruhom ta' sikwiet sew fizzjali kif ukoll ***personnel*** iehor li jkunu jamministraw individwi bhar-rikorrent. Huwa soltu li ordnijiet li jkunu hargu fil-barracks jaslu wkoll ghand individwi bhal ma kien ir-rikorrent. Se mai, kien fid-dover tar-rikorrent li jassigura li jkun aggornat ma' dawk l-ordnijiet jew cirkulari li jkunu qed johorgu fil-barracks ghall-kumplament ta' shabu u ghaldaqstant ma jistax ir-rikorrent igib skuza li hu ma kienx ikun jaf x'inhu jigri l-barracks.

Illi jidher li l-promozzjonijiet b'effett mill-11 ta' Mejju 1988 kif ukoll dawk b'effett mill-20 ta' Jannar 1992 saru skond ir-rakkommandazzjoni tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta ta' dak iz-zmien u stante li l-promozzjonijiet fl-Armata ma jinghatawx abbazi ta' anzjanita` u

kwalifiki biss, izda primarjament abbazi ta' efficjenza kif wkoll abbazi ta' ghazla biex timtela vakanza, dejjem skond ir-regolamenti applikabbli cioe` l-Avviz Legali Nru 91 tal-1970 u ghaldaqstant dak allegat mir-rikorrent wahdu ma jammontax ghal prova li saret xi distinzjoni, preferenza jew eskluzjoni indebita a skapitu tieghu fit-termini ta' l-Att VIII ta' l-1997.

Ghaldaqstant ghar-raguni fuq premessi dan it-Tribunal ghandu jichad it-talbiet kollha tar-rikorrent.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**
Ikkunsidra

Illi r-rikkorrent ipprezenta affidavit fejn qal li huwa kien ilu jahdem ma' l-Armata ghal tnax-il sena bhala Gunner. Semma li kollegi tieghu li lanqas biss kellhom "third class education" jew li dahlu fl-Armata warajh inghataw promozzjoni. Ghamel referenza ghal 85237 Schembri, 85042 Pullicino, 85126 Mercieca, kif ukoll 85426 Micallef, 85450 Zerafa u 85513 Micallef, li qal li dawn kollha ma kellhomx "third class education."

Qal illi huwa kien gie offrut mill-Armata biex jahdem bhala 'prison warder' fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin u li hu accetta. Meta darba c-Chief Officer tal-Habs, dak iz-zmien kien s-Sur Paul Miruzzi, applikalu biex jaghmel ezami ma' l-Armata biex igib it-Trade ta' BIII Electrical Wireman' kif issejjah fl-Armata ma kienx gie accettat.

Meta gie stazzjonat l-Ajruport sar jaf b' Courses li kienu qed isiru ma' l-Armata u li qatt ma seta' jaghmilhom ghax ma kienx jaf bihom u li meta fl-1996 hargu l-promozzjonijiet u ismu ma kienx f'din il-lista, ressaq ilment quddiem il-Commanding Officer tieghu u quddiem l-Ombudsman u sussegwentement gie promoss xi sitt (6) xhur wara.

Ir-rikorrent in kontro ezami qal li ma kienx hu li talab li jahdem bhala prison warder izda wara li kien ingaggat mal-armata baghatu ghalih biex jistaqsuh jekk hux dispost li jmur jahdem hemmhekk u hu qal iva. Meta kienu baghatu ghalih biex jahdem bhala prison warder ma kienx fl-Armata izda kien fid-Dejma.

Xehed Paul Miruzzi li qal li fl-1989 kelli l-kariga ta' Chief Officer il-Habs Civili. Fost l-impjegati li kellu kien hemm nies li kienu gejjin mill-Forzi Armati u fosthom ir-rikorrent Patrick Camilleri. Qal fil-fatt Patrick Camilleri kien wiehed minn dawk li ma kienux intaghazlu ghal Gwardjani fil-Habs. Kienet saret call for applications u hu ma ntaghazilx.

Camilleri kien jahdem f' hafna oqsma fosthom electrician. Fil-fatt hu kien ghamel it-talba biex jigi trade tested bhala electrician wireman.

Saret l-applikazzjoni mal-armata stess, izda qatt ma gie msejjah biex jaghmel dan it-trade test.

Qal li fl-1992 rega' qajjem is-suggett li l-persuni li kien hemm mill-armata fil-habs jintbaghtu lura l-armata. Din id-darba l-parir gie segwit u kienu spiccaw lura fl-armata. Avvizi l-Habs dwar affarijiet tal-Armata ftit li xejn kienu jaslu, Part 1 Orders u Part 2 Orders zgur li le. Fi tliet snin ma kienx hemm zewg komuniki minn dawn.

Fit-23 ta' Jannar 2001 Dr Stafrace talab li x-xhieda moghtija minn Oreste Gauci f'rikors numru 638/97 tifforma parti minn dawn l-atti.

Fl-affidavit tieghu Oreste Gauci semma fatti kwazi identici u kkonferma li qatt ma gie infurmat b'courses illi kienu qeghdin isiru lill-kollegi tieghu.

Oreste Gauci in kontro ezami qal li dam prison warder il-habs sal-1992. Imbaghad gie trasferit ghall-airport security 8$^{th}$ company. Kien talab hu li jigi trasferit. Zied jghid li meta dahal bhala prison warder qal li ma kien ghamel ebda talba biex imur pero` kienu offrewlu u accetta.

Lt. Col. Mario Schembri esebixxa lista ta' promozzjonijiet mir-rank ta' Gunner ghal Lance Bumbardier li saru b' effett mill-11 ta' Mejju 1988. Qal li minn din il-lista jidher li Camilleri Patrick fil-promotions tal-1988 ma qabzu hadd mill-AFM Depot.

Esebixxa wkoll lista ta' promozzjonijiet li saru b' effett mill-20 ta' Jannar 1992 l-istess mir-rank ta' Gunner ghal Lance Bumbardier fl-istess unit, fl-AFM Depot. Ikkonferma li juniors tar-rikorrent li gew promossi

kien hemm diversi li kellhom l-istess edukazzjoni u minghajr trades bhalu kif ukoll kien hemm min ma kellux grad ta' edukazzjoni u anqas trade. Qal li meta r-rikorrent gie mal-Armata mill-ewwel ha promozzjoni. Fil-fatt fl-1996 gie promoss ghal Lance Bumbardier. Bejn l-1992 u l-1996 ma hargux promozzjonijiet. Fir-records tar-rikorrent ir-record mediku tieghu huwa record normali kif ukoll il-kondotta tieghu hija wahda ezemplari.

Lt. Col. Mario Schembri in kontro ezami qal li huwa ma jaghmel l-ebda distinzjoni bejn suldat u Prison Warder izda l-ingagg tar-rikorrent kien wiehed ta' Prison Warder. Qal li l-Att dwar il-Forzi Armati kien japplika ghar-rikorrent izda zied jghid li r-rikorrent kien jirrispondi lid-Direttur tal-Habs tant li kien hemm anke zmenijiet meta d-Direttur tal-Habs waqqafhom milli jattendu korsijiet militari. Kien id-Dirtettur tal-Habs ukoll li jiddeciedi meta jiehdu l-leave, meta jkunu sick leave jekk jattendux il-barracks, u l-allokazzjoni tad-doveri taghhom.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk jirrizulta li r-rikorrent ma nghatax il-promozzjoni ghal Lance Bumbardier fl-1988 kif ukoll fl-1992. Mill-iskedi esebiti a fol 44 sa 46 tal-process irrizulta car min ha l-promozzjonijiet u l-kwalifiki li kellu. Irrizulta wkoll li r-rikorrent kien haddiem li jaghmel xogholu b' mod regolari ma kienx hemm ilmenti fuqu u anqas dwar medical record ma hemm xejn negattiv.

Dan it-Tribunal fil-kawza Anthony Scicluna vs Chairman Bank of Valletta deciza fis-27 ta' Ottubru, 1998 qal:

"Issa fil-fehma ta' dan it-Tribunal, s-Seniority ghandha piz kbir hafna fl-ghoti tal-promozzjonijiet u ghandha ma tigix meqjusa biss meta jirrizultaw b'mod car u inekwivoku jew kwalitajiet posittivi ohra f'xi individwi ohra li jiggustifikaw li persuna / persuni ghandha taqbez lil min imissu skond is-seniority, jew kwalitajiet negattivi f'dak li jkun imissu l-promozzjoni [skond is-seniority] li jiggustifikaw li dik il-persuna ma tinghatax il-promozzjoni. Altrimenti naslu fi stadju fejn jirrenja suprem il-favoritizmu favur xi individwi ghal ragunijiet diskriminatorji (u ghalhekk kontra l-Kostituzzjoni)." [Ara wkoll George Debono vs Brigadier AFM 28/10/98].

Meta wiehed jezamina l-promozzjonijiet tal-1988 isib li lir-rikorrent ma qabzu hadd. Fost dawk li saru hemm sitta li bhala education kellhom inqas mir-rikorrent li kellu class 3 izda dawn erbgha minnhom kellhom trades aktar mir-rikorrent li kellu nil. Wiehed iehor milli sar qablu kellu third class ACE u l-cadre course u ghalhekk jibqa' wiehed biss, Anthony Attard li hekk jew b' hekk kien senior tar-rikorrent. Ghalhekk it-Tribunal ma jhossx li tirrizulta l-ingustizzja msemmija fil-Kap 394.

Dwar il-promozzjonijiet tal-1992 ir-rikorrent inqabez minn tmienja u ghoxrin li hdax minnhom kellhom nil fl-education u tnax minnhom 3 bhalu. Kien hemm ukoll tlieta li bhala education kellhom nil u anke trades nil ukoll. Biex dan ikun gustifikat ried ikun hemm raguni valida li f' dan il-kaz ma tirrizultax. Ghalhekk jichad l-eccezzjonijiet tal-intimat.

Isib l-ilment gustifikat dwar l-1992 jirrikmanda li r-rikorrent jinghata rimedju kompensattiv billi jinghata l-kariga ta' Lance Bumbardier b'effett mill-20 ta' Jannar, 1992 u jitpogga fil-lista ta' seniority daqs kemm ha l-promozzjoni dak in-nhar, kif ukoll li jithallas id-differenza fil-paga li sofra.

Spejjez kontra l-intimat